MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Numru. 394/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**-vs-**

**Anthony Joseph Portelli**

Kumpilazzjoni numru 394/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Joseph Portelli ta’ 35 il-sena bin Anthony u Josephine nee Calleja imwieled Attard nhar il-11 ta’ Dicembru 1973 u residenti 21A Triq Cassarino San Pawl il-Bahar detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 82674M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-22 ta'Dicembru 2006:
1. Halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jghati gurament, meta l-gurament kien mehtieg mill-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'degriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta;
2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv wara li nstab hati b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 16 ta' Novembru 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 49, 50 u 108(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija li ha gurament falz u li konsegwentement irrenda ruhu recidiv.

Illi mill-atti jirrizulta li nhar it-22 ta' Dicembru 2006 l-imputat deher tard ghas-smiegh ta' appell kriminali quddiem il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'Ghawdex. Biex jiggustifika jew jiskuza d-dewmien tieghu biex jidher quddiem dik il-Qorti l-imputat qal, taht gurament, x'wassal biex huwa mar tard ghas-smiegh tal-kawza.

Illi dak li l-imputat qal lill-Qorti ma giex registrat b'mezzi elettromanjetici u u mhux traskritt f'l-atti. Dak li ntqal jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza mizmuma dak in-nhar kif dettata mill-Qorti. Minn hemm jirrizulta li l-imputat qal *li ghalkemm kellu hsieb li jaqbad il-vapur tat-8.15am kellu incident zghir bil-karozza, kellu jhalli l-karozza l-Mellieha,*

*jimxi sa tal-linja, jinzel b'tal-linja c-cirkewwa b'mod li jaqbad il-vapur ta' wara d-9.00am, b'hekk spicca tard il-Qorti.*

Illi dak in-nhar stess (ppropju waqt li kienet qed tinzamm l-udjenza) fuq struzzjonijiet tal-Qorti l-pulizija ghamlet tfixxija tul il-bypass tal-Mellieha biex tigi konfermata l-verzjoni mghotija mill-imputat, pero la nstabu sinjali ta' xi incident u lanqas xi vettura mitluqa'. Ta' min wiehed jirrileva li meta l-pulizija (PC 658 Caruana) mar fit-triq in kwistjoni biex jagheml il-verifiki ma kellux hafna informazzjoni fuq xiex jimxi. L-istruzzjonijiet li tah l-Ispettur Curmi kienu biex jiccekkja l-bypass kollha u jara jekk kienx hemm xi hadd involut f'accident (ref depozizzjoni ta'l-Ispettur Curmi). Anke meta xehed PC 658 quddiem din l-Qorti huwa tkellem dwar "incident tat-traffiku". Meta jumejn wara, u cioe f'l-24 ta' Dicembru 2006, marru zewg pulizija ohra ghand l-imputat u spezzjonaw il-vettura nnuttaw ghafsa zghira fuq il-bonnet ftit 'l fuq mix-xibka. Ir-ritratti tal-vettura li ttiehdu dak in-nhar mill-pulizija ma gewx esebieti ghax intlfu.

Illi l-imputat ghazel li jixhed fil-proceduri odjerni; minn dak li qal jidher li nhar it-22 ta' Dicembru 2006 waqt li kien qed isuq fil-*bypass* tal-Mellieha habat ma' *centre strip*, kompla jsuq pero ftit wara hass l-karozza tigbed lejn naha minnhom, waqqaf, nduna li kellu puncture u pparkja l-karozza hdejn il-lukanda li hemm fit-tarf tal-*bypass* quddiem il-bajja ta'l-Ghadira u mbaghad kompla b'tal-linja lejn Ghawdex.

Illi johrog car mill-atti li din l-informazzjoni li l-imputat ta fil-proceduri odjerni ma kenitx a dispozizzjoni ta' l-Ispettur Curmi meta dan ikkomunika ma' PC 658 Caruana u tah l-inkarigu biex imur ifittex fil- bypass. Fil-fatt, anke mix-xhiedha ta'l-Avukat Arthur Azzopardi, jidher li lanqas biss kienu jafu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li kienet qed tigi mfittxija; haga li facilment u tempestivament setghet tigi kkonstatata anke kieku (haga li mill-atti ma tirrizultax) l-imputat ma kienx jafu n-numru.

Illi mill-investigazzjoni tal-pulizija li saru a tempo vergine kif ukoll mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri jidher li r-ricerka dwar dan il-kaz kienet iffukata fuq kollizzjoni ta' certu entita, meta l-imputat anke kif jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza in kwistjoni kien irrefera ghal *incident zghir*.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni naqset li ggib prova 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli li nhar it-22 ta' Dicembru 2006 l-imputat ma kienx involut f'*incident zghir* li minhabba fih tilef l-vapur biex b'hekk wasal tard ghas-smiegh tal-kawza li kellu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------